KAMRA TAD-DEPUTATI HOUSE OF REPRESENTATIVES
PARLAMENT TA' MALTA

*Kap tal-Oppożizzjoni* *Leader of the Opposition*

28 ta' Jannar 2020.

**Chairperson,**
**Kumitat Kumitat Permananti dwar Kontijiet Pubbliċi**
**Parlament ta' Malta**
**Valletta**

Onor Chairperson,

Peress li:

- Fis-27 ta' Jannar 2020, it-Times of Malta żvelat li id-deputat parlamentari Konrad Mizzi ingħata kuntratt mill-Awtorita tat-Turiżmu;
- Dan il-kuntratt ingħata ġimgħatejn wara li l-istess Konrad Mizzi irriżenja minn Ministru tat-Turiżmu għal raġunijiet mhux speċifikati;
- Dan il-kuntratt ser ifisser spiża annwali, mħalsa minn fondi publiċi, liema spiża titla iktar minn €80,000 fis-sena;
- Il-valur totali tal-kuntratt jitla għal €241,200;
- Skond artiklu 7(8) tal-Att dwar Servizzi tal-Ivvjaġġar u tat-Turiżmu Għal Malta, L-Awtorità tat-Turiżmu ma tista' tidħol għal ebda spiża li ma tkunx ġiet approvata mill-Kamra tad-Deputati;
- Skond Artiklu (10) tal-istess Att "Ħlief bl-approvazzjoni tal-Ministru, l-Awtorità m'għandhiex tagħmel kuntratt għall-provvista ta' oġġetti jew materjal jew għall-eżekużżjoni ta' xogħlijiet jew għall-għoti ta'servizzi, lil jew favur l-Awtorità, li jkun stmat mill-Awtorità bħalali jinvolvi spiża li teċċedi mitejn u tnejn u tletin elf u disa' mija u sebgħa u tletin euro u erbgħa u tletin ċenteżmu (232,937.34) jew kull ammont ieħor li l-Ministru jista' minn żmien għal żmien jippreskrivi, ħlief wara li jkun ġie pubblikat avviż dwar l-intenzjoni tal-Awtorità li tagħmel dak il-kuntratt u jkunu nħarġu offerti kompetittivi"

- Skond Artiklu 9 (1) (B) l-Att dwar L-Akkkwist Pubbliku: Mingħajr preġudizzju għall-applikabilità tad-dispożizzjonijiet l-oħra ta' dawn ir-regolamenti, il-proċess ta' akkwisti għal kuntratti pubbliċi...Li l-valur stmat tagħhom hu daqs jew jeċċedi l-limitu ta' mija u erba' u erbgħin elf euro (€144,000), għandhom jinħarġu, jiġu amministrati u determinati mid-Direttur f'isem l-awtorità kontraenti

- Skond Atiklu 17 (b) il-Bord tal-Awtorita għandu jiddiskuti "kuntratt jew ftehim ieħor mal-Awtorità jew proposta għal kuntratt jew ftehim ieħor bħal dan"

Qiegħdin nitolbu li il-kuntratt li sar bejn l-Awtorita tat-Turiżmu u d-deputat Konrad Mizzi jinġieb quddiem il-Kumitat tal-Kontijiet Pubbliċi u dan sabiex jiġi determinat is-segwenti:

- Jekk f'dan il-każ ġewx segwiti ir-regoli li jikkonċernaw l-infieq pubbliku, kemm dawk ġenerali kif ukoll dawk mniżla fl-Att numru 409;

- Jekk il-Bord tal-Awtorità tat-Turiżmu kienx jaf, meta sar jaf u jekk tax l-approvazzjoni tiegħu qabel jew wara li dan il-kuntratt ġie ffirmat;

- Min fejn oriġinat it-talba biex isir dan il-kuntratt u ċioè jekk dan il-kuntratt sarx biex jiġi indirizzat bżonn rejali tal-Awtorita għall-konsulenza inkella kienx hemm fatturi u kunsiderazzjonijiet oħra li waslu biex jsir dan il-kunrtatt;

- Jekk l-Awtorità tat-Turiżmu għamiltx studji biex tqies kif dan is-servizz ser jgħin l-Awtorità ittejjeb l-effiċjenza u l-effikaċezza tagħha qabel ġie ffirmat dan il-kuntratt u ċioè fil-ħmistax ta bejn meta irriżenja minn Ministru Konrad Mizzi u d-data li fiha ġie ffirmat il-kuntratt;

- Jekk sarux konsulti interni mad-direttorati tal-Awtorità tat-Turiżmu biex jiġi stabbilit jekk din il-konsulenza kinietx meħtieġa u f'waqtha;

- Jekk intalabx il-kunsens tal-Ministeru tal-Finanzi qabel sar dan il-kuntratt; u,

- Jekk l-avukati tal-Awtorità tat-Turiżmu intalbux jeżiminaw il-kuntratt qabel ġie ffirmat;

Qiegħdin nitolbu li din il-materja titpoġġa fuq l-aġenda tal-Kumitat tal-Kontijiet pubbliċi sabiex tiġi diskusa b'urġenza.

| | |
|---|---|
| **Onor. Adrian Delia** | **Onor. Robert Arrigo** |
| **Kap tal-Oppożizzjoni** | **Kelliem tal-Opożizzjoni Dwar it-Turiżmu** |